2026/2389

29.10.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2389

tat-28 ta' Ottubru 2026

li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239, (UE) 2020/761, (UE) 2020/1988 u (UE) 2025/1272 biex jippermetti lill-awtoritajiet tal-ħruġ ta' pajjiżi terzi jużaw l-ELAN fuq bażi volontarja matul il-perjodu tranżitorju

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 178, l-Artikolu 187 u l-Artikolu 223(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) sa (d), u l-Artikolu 16(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (f) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1272 ([3]), flimkien mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1269 ([4]), jistabbilixxu sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali ("ELAN") biex id-dokumenti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jkunu disponibbli f'forma elettronika għall-awtoritajiet doganali.

(2) L-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 ([5]) jirreferi għall-Artikolu 24 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 ([6]). Madankollu, dak ir-Regolament Delegat tħassar bl-Artikolu 40 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 ([7]) b'effett mill-1 ta' Jannar 2023. Għaldaqstant, jenħtieġ li dik ir-referenza fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 tiġi emendata b'referenza għall-Artikolu 25 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127.

(3) L-Artikolu 14(3) u (4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 jipprevedi li għandha tinkiseb prova tal-issodisfar tal-obbligi li l-prodotti jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera u għall-esportazzjoni mill-ELAN. Jenħtieġ li tiġi prevista deroga minn dik ir-regola meta l-liċenzja jew l-estratt ma jkunx inħareġ fl-ELAN jew ma jkunx ġie trażmess lilha; meta l-liċenzja jew l-estratt ikun nħareġ fl-ELAN jew ġie trażmess lilha, iżda l-effetti legali tiegħu jkun ġie sospiżi temporanjament; jew meta l-ELAN ma tkunx disponibbli temporanjament.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.
([2]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/510/oj.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1272 tas-6 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali ("ELAN") (ĠU L, 2025/1272, 10.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1272/oj).
([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1269 tas-6 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi regoli li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali ("ELAN") għall-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-kummerċ u s-suq fi prodotti agrikoli (ĠU L, 2025/1269, 10.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/1269/oj).
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1239 tat-18 ta' Mejju 2016 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni (ĠU L 206, 30.7.2016, p. 44, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2016/1239/oj).
([6]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2014/907/oj).
([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/127/oj).

(4) L-Artikolu 21a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1239 jistabbilixxi r-regoli tranżitorji applikabbli għal-liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni rigward l-użu tal-ELAN. Jenħtieġ li dawn ir-regoli jiġu adattati biex jippermettu lill-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji tal-Istati Membri joħorġu dokumenti b'valur legali fl-ELAN matul il-perjodu tranżitorju. Madankollu, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji jitħallew jużaw dawn id-dokumenti barra mill-ELAN, sakemm ikun indikat b'mod ċar fl-ELAN li d-dokumenti fl-ELAN ma għandhomx valur legali.

(5) Mit-18 ta' Jannar 2027, il-liċenzji kollha għandhom jinħarġu skont il-mudelli tad-data ELAN1L-AGRIM u ELAN1L-AGREX skont ir-regoli stabbiliti fl-Anness I.1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 u f'konformità mal-"Avviż rigward l-istruzzjonijiet dwar il-mili tal-mudelli tad-data ELAN1L-AGRIM u ELAN1L-AGREX" ([8]). Jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-estratti maħruġa mit-18 ta' Jannar 2027, minn liċenzji li nħarġu qabel it-18 ta' Jannar 2027 f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239, jistgħu jżommu l-istess format bħal-liċenzja oriġinali. Barra minn hekk, il-mudelli ELAN1L-AGRIM u ELAN1L-AGREX jeħtieġ li jiġu aġġustati biex jirriflettu xi modifiki formali meħtieġa.

(6) Il-mudell tad-data ELAN1L-AGRIM stabbilit fl-Anness I.1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239, taħt il-punt 2(p), fih il-kodiċi SP02 li għandu jiddaħħal fit-Taqsima "Kundizzjonijiet speċjali/dettalji speċjali". Peress li dan il-kodiċi jservi l-istess skop bħall-kodiċi SP01, huwa żejjed u jenħtieġ li jitħassar.

(7) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 ([9]) jistabbilixxi r-regoli għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni (TRQs) għall-prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u għal dak il-fini jipprovdi regoli speċifiċi.

(8) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/996 ([10]) introduċa l-Anness XIIa għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761. Jenħtieġ li l-Artikolu 6(5) u l-Artikolu 11(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 jiġu aġġornati biex jinkludu referenza għal dak l-Anness.

(9) Jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-liċenzji għandhom jinħarġu f'ekwivalenti ta' piż meta l-kwantità għat-TRQs tal-importazzjoni tkun espressa f'ekwivalenti ta' piż.

(10) Jenħtieġ li jiġi ċċarat fl-Artikolu 15a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 li r-regoli stabbiliti fl-Anness XIV.8 ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni japplikaw għaċ-ċertifikati tal-oriġini għall-prodotti soġġetti għall-arranġamenti mhux preferenzjali, mhux għaċ-ċertifikati tal-oriġini kollha.

(11) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1271 ([11]) emenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 u introduċa r-regoli applikabbli għal ċerti dokumenti maħruġa minn pajjiżi terzi matul il-perjodu tranżizzjonali qabel ma l-użu tal-ELAN isir obbligatorju. B'mod partikolari, l-Artikolu 72a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 jippermetti lill-awtoritajiet tal-ħruġ ta' pajjiżi terzi jużaw l-ELAN mill-15 ta' Lulju 2025 iżda biss għal skopijiet ta' ttestjar, filwaqt li l-Artikolu 72b jippermettilhom jużaw l-ELAN fuq bażi volontarja mid-19 ta' Jannar 2026, u l-Artikolu 72c jipprevedi li l-awtoritajiet tal-ħruġ ta' pajjiżi terzi għandhom jagħmlu d-dokumenti tal-kompetenza tagħhom disponibbli fl-ELAN b'mod obbligatorju mis-17 ta' Jannar 2028.

([8]) Avviż rigward l-istruzzjonijiet dwar il-mili tal-mudelli tad-data ELAN1L-AGRIM u ELAN1L-AGREX (ĠU C, C/2025/2819, 10.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2819/oj).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/761/oj).

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/996 tad-29 ta' April 2026 li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 u (UE) 2020/1988 dwar il-ħolqien, l-emendar u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji wara l-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra (ĠU L, 2026/996, 30.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/996/oj).

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1271 tas-6 ta' Mejju 2025 li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239, (UE) 2020/761, (UE) 2020/1988 u (UE) 2023/2834 bħala konsegwenza tal-istabbiliment tas-sistema Elettronika għall-formalitajiet Agrikoli Mhux Doganali (ELAN), u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 fir-rigward ta' żewġ numri ġodda tal-kwota tariffarja għall-importazzjonijiet tar-ross mill-Bangladesh (ĠU L, 2025/1271, 10.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1271/oj).

(12) Jenħtieġ li l-Artikolu 72b tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 jiġi emendat biex jiċċara x'inhu l-valur legali tad-dokumenti li l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi ħarġu fl-ELAN fuq bażi volontarja, u liema proċeduri japplikaw jekk dawk id-dokumenti jeħtieġ li jintużaw barra mill-ELAN.

(13) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika online il-lista tal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi li esprimew l-intenzjoni tagħhom lill-Kummissjoni li jagħmlu d-dokumenti tagħhom disponibbli fl-ELAN qabel is-17 ta' Jannar 2028.

(14) Il-TRQ bin-numru tal-ordni 09.4124 għall-qamħ komuni mill-Kanada kienet miftuħa mill-2017 sal-2023. Peress li din it-TRQ ma għadhiex miftuħa, jenħtieġ li kwalunkwe referenza għaliha titħassar mill-Annessi I, II u XIV.8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761.

(15) Fl-Annessi IV u XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, għandu jiġi ċċarat li t-TRQs bin-numri tal-ordni 09.4317, 09.4318, 09.4354, 09.4355, 09.4319, 09.4321, 09.4329, 09.4330, 09.4169, 09.4211, 09.4212, 09.4214, 09.4215, 09.4217, 09.4251, 09.4252, 09.4253, 09.4254, 09.4255, 09.4256, 09.4257, 09.4258, 09.4259, 09.4411, 09.4269, 09.4283, 09.4289 u 09.4290 jeħtieġu ċertifikati tal-oriġini bħala prova ta' oriġini mhux preferenzjali mar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera, u li jenħtieġ li dawn iċ-ċertifikati jinħarġu f'konformità mal-Anness XIV.8 ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, sakemm ir-regoli tranżitorji dwar l-ELAN stabbiliti fl-Artikoli 72a sa 72d ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni ma jippermettux lill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi jużaw format differenti.

(16) Fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, għat-TRQ bin-numru tal-ordni 09.4181, jenħtieġ li jiġi ċċarat li ċ-Ċertifikat ta' Awtenticità biss jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ELAN.

(17) Fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, it-TRQ bin-numru tal-ordni 09.4003 kurrentement ma teħtieġx li l-operaturi jkunu rreġistrati fil-bażi tad-data tar-Reġistrazzjoni u l-Identifikazzjoni tal-Operaturi tal-Liċenzji (LORI) stabbilita fl-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 ([12]). Biex jiġu allinjati r-rekwiżiti tat-TRQ għal din it-TRQ mar-rekwiżiti ta' TRQs oħra fl-istess settur, anke għat-TRQ 09.4003 jenħtieġ li tkun meħtieġa r-reġistrazzjoni tal-operaturi fil-bażi tad-data LORI. Jenħtieġ li din l-emenda tapplika mill-perjodu tat-TRQ li jibda fl-1 ta' Lulju 2027.

(18) Il-mudell ELAN1L-TCDOC stabbilit fl-Anness XIV.8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 jeħtieġ li jiġi rivedut biex tiġi evitata r-ripetizzjoni tat-tip u n-numru tad-dokument kemm fl-intestatura kif ukoll fil-parti ewlenija tad-dokument. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat meta l-mudell tad-data huwa meħtieġ li jintuża mir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, (UE) 2020/1988 u (UE) 2023/2834.

(19) Barra minn hekk, ir-rekwiżiti għall-mili tal-mudell tad-data ELAN1L-TCDOC stabbilit fl-Anness XIV.8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 jenħtieġ li jiċċaraw il-format tad-data meħtieġ biex jiġi indikat in-numru tad-dokument u d-data tal-ħruġ. Dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li jiċċaraw ukoll kif l-awtoritajiet tal-ħruġ jenħtieġ li jindikaw il-kwantità koperta mid-dokument, u meta huwa meħtieġ li d-dokumenti maħruġa minn pajjiżi terzi jindikaw l-għadd ta' pakketti li fihom il-prodotti importati. Il-punt 2(d) ta' dak l-Anness jenħtieġ li jindika fejn l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi jistgħu jindikaw informazzjoni addizzjonali dwar it-trasport u l-imballaġġ relatata mal-oġġett kopert mid-dokumenti tagħhom.

(20) Jenħtieġ li t-tabelli stabbiliti fil-punti 1(l) u 1(m) tal-Anness XIV.8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 jiġu integrati b'referenzi għar-rekwiżiti għall-ħruġ ta' dokumenti għat-TRQs bin-numri tal-ordni 09.7901, 09.7898, 09.7899, 09.7902, 09.7896, 09.7897 u 09.7903 minn pajjiżi terzi.

([12]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni soġġetti għal liċenzji u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-depożitu ta' garanziji fl-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/760/oj).

(21) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2173 ([13]) emenda l-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 rigward it-TRQs bin-numri tal-ordni 09.4410 u 09.4420. B'mod partikolari, jenħtieġ li r-regoli l-ġodda jipprevedu li l-prova tal-oriġini għall-importazzjonijiet taħt dawn it-TRQs ma tibqax tiġi pprovduta permezz ta' ċertifikati tal-oriġini maħruġa f'konformità mal-Artikolu 15a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, iżda minflok b'kuntratti ta' provvista. Għalhekk, jenħtieġ li r-referenzi għal dawn it-TRQs fil-punt 1(m) tal-Anness XIV.8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 jitneħħew.

(22) Jenħtieġ li fl-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, il-Parti A u l-Parti Aa jiġu armonizzati biex juru l-fatturi ta' konverżjoni applikabbli għas-settur tal-bajd b'mod uniformi. Jenħtieġ li l-kalkolu tal-ekwivalenti tal-piż tal-qoxra stabbilit fl-Artikolu 68 u fl-Anness XI ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jiġi armonizzat mal-istruttura l-ġdida tal-Anness XVI, il-Parti A. Jenħtieġ li l-Artikolu 68 jirreferi wkoll għat-TRQs bin-numri tal-ordni 09.4950 u 09.4955, introdotti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/996.

(23) Jenħtieġ li r-referenzi fl-Artikoli 4 u 13 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 ([14]) għad-dispożizzjonijiet tranżitorji jiġu kkoreġuti.

(24) Jenħtieġ li r-regoli dwar il-possibbiltà li tintuża l-ELAN stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 jiġu estiżi għad-dokumenti maħruġa mill-pajjiżi terzi relatati mat-TRQs bin-numri tal-ordni 09.7901, 09.7898, 09.7899, 09.7902, 09.7896, 09.7897 u 09.7903. Jenħtieġ li dan jiġi rifless fl-Artikoli 31a u 31b ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, kif ukoll fl-iskedi tat-TRQ korrispondenti stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza għall-Anness II.H fl-Artikolu 31b ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tiġi ssostitwita b'referenza għall-Anness II.I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(25) It-TRQs bin-numri tal-ordni 09.6734, 09.6735, 09.6736, 09.6737, 09.6738, 09.6739, 09.6747, 09.6748, 09.6749, 09.6755, 09.6756 u 09.6758 kienu miftuħa biss mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025. Għalhekk, jenħtieġ li l-iskedi relatati ma' dawk it-TRQs jitħassru mill-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988.

(26) Jenħtieġ li l-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1272 jiġu emendati biex jirriflettu l-possibbiltà li l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi jibdew jużaw l-ELAN fuq bażi volontarja bejn id-19 ta' Jannar 2026 u s-17 ta' Jannar 2028.

(27) L-Artikolu 1(2), il-punti (a) sa (d), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1272 jelenka d-dokumenti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-ELAN. Il-lista ta' dokumenti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-ELAN hija stabbilita wkoll fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/1269. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1272 jiġi emendat biex jirreferi għall-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/1269. Bl-istess mod, jenħtieġ li kwalunkwe referenza għall-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1272 fl-Artikoli 6 u 9 tiegħu tiġi emendata kif xieraq.

(28) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239, (UE) 2020/761, (UE) 2020/1988 u (UE) 2025/1272 jiġu emendati kif xieraq.

(29) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([13]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2173 tad-29 ta' Ottubru 2025 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 fir-rigward tal-prova tal-oriġini għal ċerti kwoti tariffarji fis-settur tal-pollam u fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tissemma fiċ-ċertifikati diġitali tal-oriġini (ĠU L, 2025/2173, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2173/oj).

([14]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 tal-11 ta' Novembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni f'konformità mal-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" (ĠU L 422, 14.12.2020, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1988/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1239

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1239 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 13(2), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta awtorità doganali kompetenti jkollha dubju dwar l-akkuratezza tal-entrati fuq il-liċenzja jew fuq l-estratt, għandha titlob kjarifiki mingħand l-awtorità li toħroġ il-liċenzji u, jekk ikun hemm bżonn, tirritorna l-liċenzja lil dik l-awtorità. Meta awtorità li toħroġ il-liċenzji jkollha dubju dwar l-akkuratezza tal-entrati fuq il-liċenzji jew l-estratt, għandha titlob kjarifiki mingħand l-awtorità doganali kompetenti u, jekk ikun hemm bżonn, tirritorna l-liċenzja lil dik l-awtorità.";

(2) L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-garanzija għal liċenzja għandha tinħareġ jekk l-obbligi msemmija fl-Artikolu 25 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127* u ta' dan l-Artikolu jkunu ġew issodisfati."

(b) il-paragrafi 3 u 4 jiġu sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"3. Il-prova tal-issodisfar tal-obbligu li wieħed ikollu l-prodotti maħruġin għaċ-ċirkolazzjoni libera għandha tinkiseb mill-ELAN.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, meta japplikaw ir-regoli tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikoli 21a sa 21d, il-prova għandha tkun il-kopja tal-liċenzja jew tal-estratt tad-detentur titolari jew taċ-ċessjonarju.

It-tieni subparagrafu għandu japplika fejn:

(a) il-liċenzja jew l-estratt ma jkunx inħareġ fl-ELAN jew ma jkunx ġie trażmess lilha;

(b) l-effetti legali tal-liċenzja jew tal-estratt maħruġ fl-ELAN, jew trażmessi lilha, ikunu ġew sospiżi temporanjament skont l-Artikolu 21a(5), it-tieni subparagrafu; jew

(c) l-ELAN mhux disponibbli temporanjament f'konformità mat-Taqsima 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1272.

Meta japplika t-tielet subparagrafu, il-punt (c) u d-dokument imsemmi fit-tieni subparagrafu ma jkunx jista' jiġi ppreżentat, il-prova għandha tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali miksuba mill-bażi tad-data doganali;

(b) awtodikjarazzjoni li tiddikjara li l-obbligu ġie ssodisfat.

Id-dokumenti msemmija fir-raba' subparagrafu, il-punti (a) u (b), għandhom jiġu ttimbrati u ffirmati mill-awtoritajiet doganali.

4. Il-prova tat-twettiq tal-obbligu ta' esportazzjoni għandha tinkiseb mill-ELAN.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, meta japplikaw ir-regoli tranżitorji stabbiliti fl-Artikoli 21a sa 21d, il-prova għandha tikkonsisti minn:

(a) il-kopja tal-liċenzja jew tal-estratt tad-detentur titolari jew taċ-ċessjonarju; u

(b) iċ-ċertifikazzjoni tal-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 334 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 maħruġa lill-esportatur jew lid-dikjarant mill-uffiċċju doganali tal-esportazzjoni.

It-tieni subparagrafu għandu japplika fejn:

(a) il-liċenzja jew l-estratt ma jkunx inħareġ fl-ELAN jew ma jkunx ġie trażmess lilha;

(b) l-effetti legali tal-liċenzja jew tal-estratt maħruġ fl-ELAN, jew trażmess lilha, ikunu ġew sospiżi temporanjament f'konformità mal-Artikolu 21a(5), it-tieni subparagrafu; jew

(c) l-ELAN mhux disponibbli temporanjament f'konformità mat-Taqsima 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1272.

Meta japplika t-tielet subparagrafu, il-punt (c), u d-dokument imsemmi fit-tieni subparagrafu, il-punt (a), ma jkunx jista' jiġi ppreżentat, dan għandu jiġi sostitwit b'awtodikjarazzjoni li tiddikjara li l-obbligu ġie ssodisfat.

Id-dokumenti msemmija fir-raba' subparagrafi għandhom jiġu ttimbrati u ffirmati mill-awtoritajiet doganali.";

(3) fl-Artikolu 21a, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Mid-19 ta' Jannar 2026, l-Istati Membri jistgħu jibdew joħorġu liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni fl-ELAN jew jittrażmettuhom lill-ELAN.

Id-dokumenti maħruġa fl-ELAN jew trażmessi lil dik is-sistema f'konformità ma' dan il-paragrafu għandu jkollhom valur legali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli. Qabel ma jintuża dokument barra mill-ELAN, l-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji għandhom jindikaw fl-ELAN li d-dokument qed jintuża barra mill-ELAN. F'dan il-każ, l-effetti legali tad-dokument fl-ELAN għandhom jiġu sospiżi temporanjament.

Is-sospensjoni temporanja titneħħa u l-liċenzji jew l-estratti għandhom jerġgħu jintużaw fl-ELAN, ladarba l-operaturi jkunu rritornaw il-liċenzji jew l-estratti korrispondenti użati barra mill-ELAN lill-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji, u l-attribuzzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet doganali jkunu ġew kodifikati mill-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji f'konformità mal-ħames subparagrafu.

Il-liċenzji jew l-estratti stampati fuq karta f'konformità ma' dan il-paragrafu għandu jkollhom firma valida u t-timbru uffiċjali tal-awtorità tal-ħruġ kompetenti.

Fuq il-liċenzji jew l-estratti stampati, l-awtoritajiet doganali għandhom jivvalidaw il-kwantità rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera jew esportata b'firma u timbru. Fuq il-liċenzji jew l-estratti elettroniċi, huma għandhom jivvalidaw dik l-informazzjoni permezz ta' sistema ta' validazzjoni elettronika.

L-attribuzzjonijiet kollha tal-kwantità magħmula fuq il-liċenzji jew l-estratti stampati għandhom jiġu kkodifikati fl-ELAN mill-awtorità tal-ħruġ tal-liċenzji kompetenti fi żmien jumejn xogħol mir-ritorn tal-liċenzja jew l-estratt, li jibdew mill-bidu tal-jum wara d-data tar-ritorn.

Meta l-liċenzji jew l-estratti jkunu stampati fuq karti, il-kopji korrispondenti fis-sistema elettronika nazzjonali ma għandhomx jintużaw għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-oġġetti fit-territorju tal-Unjoni jew għall-esportazzjoni tal-oġġetti mit-territorju tal-Unjoni sakemm il-kopja stampata ma tiġix irritornata u l-awtorità tal-ħruġ tal-liċenzji tkun:

(a) ikkodifikat il-kwantità rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera jew esportata bil-liċenzja jew bl-estratt fl-ELAN u fis-sistema nazzjonali; u

(b) indikat fl-ELAN li l-liċenzja jew l-estratt li għandu jintuża fis-sistema nazzjonali se jintuża barra mill-ELAN.";

(4) fl-Artikolu 21b(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Meta l-liċenzji jkunu nħarġu qabel id-data stabbilita fl-ewwel subparagrafu, l-estratti maħruġa minn dawk il-liċenzji jistgħu jinħarġu fl-istess format bħal-liċenzja oriġinali.";

(5) L-Anness I.1 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6(5), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Barra minn hekk, b'deroga mill-paragrafu 3, fejn l-iskedi rilevanti tal-kwoti tariffarji fl-Annessi II sa XIIa jindikaw kodiċijiet ippreċeduti minn *ex*, l-operaturi jistgħu jissottomettu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji li jindikaw il-kodiċijiet TARIC rilevanti, jew il-kodiċijiet rilevanti preċeduti minn *ex*.";

(2) fl-Artikolu 11, il-paragrafi 5 u 6 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"5. Il-liċenzji għall-kwoti tariffarji rregolati minn dan ir-Regolament għandhom jinħarġu għall-kwantitajiet espressi f'piż tal-prodott, ħlief meta l-iskedi rilevanti tal-kwota tariffarja fl-Annessi II sa XIIa jindikaw il-kwantità totali disponibbli għall-kwota f'ekwivalenti ta' piż ikkalkulat, fejn il-liċenzja għandha tinħareġ għall-kwantitajiet espressi f'dak l-ekwivalenti ta' piż.

Fi kwalunkwe każ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jindikaw il-kwantità ġenerali koperta mil-liċenzja.

6. Meta l-iskedi rilevanti tal-kwota tariffarja fl-Annessi II sa XIIa jindikaw kodiċijiet ippreċeduti minn *ex*, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu l-liċenzji għall-kodiċijiet rilevanti ppreċeduti minn *ex*.";

(3) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta jkun meħtieġ mill-Annessi II sa XIII, għandha tiġi ppreżentata prova valida tal-oriġini lill-awtoritajiet doganali tal-Unjoni flimkien ma' dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għall-prodotti kkonċernati. Id-dokumenti meħtieġa għall-prova tal-oriġini huma elenkati għal kull kwota tariffarja f'dawk l-Annessi.";

(4) L-Artikolu 15a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 15a*

Ċertifikati ta' oriġini mhux preferenzjali maħruġa f'format elettroniku

1. Iċ-ċertifikati ta' oriġini relatati mal-prodotti li joriġinaw minn pajjiż terz li għalihom ikunu stabbiliti arranġamenti speċjali ta' importazzjoni mhux preferenzjali, għandhom jinħarġu f'konformità mal-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness XIV.8 ta' dan ir-Regolament. Japplikaw l-Artikoli 57, 58 u 59 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

2. Matul il-perjodu tranżitorju stabbilit fl-Artikoli 72a sa 72d ta' dan ir-Regolament, iċ-ċertifikati tal-oriġini msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinħarġu abbażi ta' waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-mudell stabbilit fl-Anness 22–14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447;

(b) il-mudell stabbilit fil-Parti B tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988;

(c) il-formola stabbilita fl-Anness XVII ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fih.";

(5) l-Artikolu 68 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 3;

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Għall-iskop tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji u tan-notifiki lill-Kummissjoni, il-kwantità totali għandha tiġi kkonvertita f'ekwivalenti ta' bajd fil-qoxra:

(a) f'konformità mal-Parti A tal-Anness XVI, għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4275, 09.4401, 09.4402 u 09.4403;

(b) f'konformità mal-Parti D, il-punt 2 tal-Anness XVI, għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4950 u 09.4955.

Għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4276, il-kwantità għandha tiġi espressa f'kilogrammi ta' piż tal-prodott.";

(c) jitħassru l-paragrafi 5 u 6;

(6) L-Artikolu 72b huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 72b*

Użu ta' dokumenti maħruġa minn awtoritajiet ta' pajjiżi terzi fl-ELAN

1. Il-pajjiżi terzi jistgħu joħorġu dokumenti fl-ELAN jew jittrażmettuhom lill-ELAN fuq bażi volontarja qabel id-data msemmija fl-Artikolu 72c(1). Dawn id-dokumenti għandu jkollhom valur legali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli.

Meta l-awtoritajiet tal-ħruġ ta' pajjiżi terzi jindikaw fl-ELAN li d-dokument qed jintuża barra mill-ELAN, il-kopji fl-ELAN ma għandu jkollhom l-ebda valur legali. Il-kopji stampati korrispondenti maħruġa minn pajjiżi terzi għandu jkollhom valur legali biss jekk ikollhom il-firma u t-timbru tal-awtorità tal-ħruġ.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha (*) l-lista tal-pajjiżi li jużaw l-ELAN fuq bażi volontarja qabel is-17 ta' Jannar 2028.

3. Meta d-dokumenti maħruġa minn pajjiż terz jinħarġu fl-ELAN jew jiġu trażmessi lill-ELAN iżda jkun meħtieġ li jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet doganali barra mill-ELAN, l-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji għandhom jistampawhom mill-ELAN fuq talba tal-operatur ekonomiku. Għandhom jindikaw fl-ELAN li d-dokumenti se jintużaw barra mill-ELAN.

L-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji li jistampaw id-dokumenti maħruġa minn pajjiżi terzi f'konformità ma' dan il-paragrafu għandhom jinkludu fuq id-dokument stampat:

(a) id-data meta d-dokument ġie stampat;

(b) il-firma tal-uffiċjal rilevanti li stampah;

(c) it-timbru jew is-siġill validu tal-awtorità li qed tistampa.

_____

(*) https://agriculture.ec.europa.eu/common-agricultural-policy/market-measures/elan_mt.";

(7) fl-Artikolu 72c, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Meta d-dokumenti maħruġa minn pajjiż terz jinħarġu fl-ELAN jew jiġu trażmessi lill-ELAN iżda jkun meħtieġ li jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet doganali barra mill-ELAN, l-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji għandhom jistampawhom mill-ELAN fuq talba tal-operatur ekonomiku. Għandhom jindikaw fl-ELAN li d-dokumenti se jintużaw barra mill-ELAN.

L-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji li jistampaw id-dokumenti maħruġa minn pajjiżi terzi f'konformità mal-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu fuq id-dokument stampat:

(a) id-data meta d-dokument ġie stampat;

(b) il-firma tal-uffiċjal rilevanti li stampah;

(c) it-timbru jew is-siġill validu tal-awtorità li qed tistampa.";

(8) L-Annessi I, II, IV, VIII, XI, XII, XIV.8 u XVI huma emendati f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4(4), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"F'konformità mar-regoli tranżitorji stabbiliti fl-Artikolu 31c ta' dan ir-Regolament, jekk il-pajjiż terz li qed joħroġ id-dokument ma jużax l-ELAN, id-dokumenti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament u fl-Anness I tiegħu.";

(2) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-awtorità kompetenti tal-Bangladesh għandha ddaħħal waħda mill-entrati elenkati fl-Anness III fit-Taqsima "Dettalji speċjali/Kundizzjonijiet speċjali (test liberu)" fl-ELAN1L-TCDOC, is-subtip "ċertifikat ta' oriġini" jew inkella, jekk matul il-perjodi tranżitorji rregolati mir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 31c dik l-awtorità ma tużax l-ELAN, taħt it-Taqsima "Rimarki" fiċ-ċertifikat ta' oriġini.";

(3) fl-Artikolu 31a, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom jinħarġu f'konformità mar-regoli dwar ELAN1L-TCDOC stabbiliti fl-Anness XIV.8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, sakemm ir-regoli tranżitorji stabbiliti fl-Artikolu 31c ta' dan ir-Regolament ma jippermettux lill-awtorità jew l-aġenzija kompetenti fi New Zealand li toħroġhom f'konformità mal-Anness II, il-punt H ta' dan ir-Regolament.";

(4) fl-Artikolu 31b, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom jinħarġu f'konformità mar-regoli dwar ELAN1L-TCDOC stabbiliti fl-Anness XIV.8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, sakemm ir-regoli tranżitorji stabbiliti fl-Artikolu 31c ta' dan ir-Regolament ma jippermettux lill-awtorità jew l-aġenzija kompetenti fi New Zealand li toħroġhom f'konformità mal-Anness II, il-punt I ta' dan ir-Regolament.";

(5) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1272

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1272 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ELAN għandha tippermetti l-ħruġ, it-trażmissjoni, il-ħżin u l-irkupru siguri, affidabbli u effiċjenti tad-dokumenti magħmula disponibbli fl-ELAN f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/1269.";

(2) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Kull dokument maħruġ fl-ELAN jew trażmess lilha għandu jikkonforma mar-regoli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni elenkata fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/1269 u l-mudell tad-data rilevanti għandu jimtela f'konformità mal-istruzzjonijiet speċifiċi applikabbli għalih.";

(3) fl-Artikolu 6, il-paragrafi 1 sa 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Mill-15 ta' Lulju 2025, l-awtoritajiet tal-ħruġ nazzjonali u l-awtoritajiet tal-ħruġ ta' pajjiżi terzi jistgħu jibdew, fuq bażi volontarja, jipproduċu dokumenti msemmija fl-Artikolu 4, il-punti (a) sa (e), tar-Regolament Delegat (UE) 2025/1269 fl-ELAN (ambjent ta' aċċettazzjoni) jew jittrażmettuhom lill-ELAN għal finijiet ta' ttestjar. Dawn id-dokumenti ma għandu jkollhom l-ebda valur legali.

2. Mid-19 ta' Jannar 2026, l-awtoritajiet tal-ħruġ nazzjonali jistgħu, fuq bażi volontarja, jipproduċu fl-ELAN jew jittrażmettu lill-ELAN id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 4, il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2025/1269. Dawn id-dokumenti għandu jkollhom valur legali għat-twettiq ta' attivitajiet ta' żdoganar tal-merkanzija, f'konformità mal-Artikolu 21a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239.

L-awtoritajiet tal-ħruġ ta' pajjiżi terzi jistgħu, fuq bażi volontarja, joħorġu fl-ELAN jew jittrażmettu lill-ELAN id-dokumenti elenkati fl-Artikolu 4, il-punti (b) sa (e), tar-Regolament Delegat (UE) 2025/1269. Dawn id-dokumenti għandu jkollhom valur legali għat-twettiq ta' attivitajiet ta' żdoganar tal-merkanzija f'konformità mal-Artikolu 72b tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761.

3. Mit-18 ta' Jannar 2027, l-awtoritajiet tal-ħruġ nazzjonali għandhom jipproduċu d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 4, il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2025/1269 f'konformità mal-Anness I.1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 u bl-istruzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament.

4. Mis-17 ta' Jannar 2028, l-awtoritajiet tal-ħruġ nazzjonali u l-awtoritajiet tal-ħruġ ta' pajjiżi terzi għandhom jipproduċu d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 4, il-punti (a) sa (e), tar-Regolament Delegat (UE) 2025/1269 fl-ELAN jew fis-sistemi elettroniċi nazzjonali tagħhom. Fil-każ tal-aħħar, id-dokumenti għandhom jiġu trażmessi lill-ELAN immedjatament wara li jiġu prodotti fis-sistema elettronika nazzjonali.";

(4) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-awtoritajiet doganali għandhom jikkontrollaw id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/1269.

_____

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj).";

(5) fl-Artikolu 14, it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Madankollu, it-Taqsima 3 għandha tapplika mit-18 ta' Jannar 2027, jew mid-19 ta' Jannar 2026 għal dawk l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi fejn l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jużaw il-possibbiltà prevista fl-Artikolu 6(2).".

Artikolu 5

Dispożizzjonijiet tranżitorji

L-Istati Membri li jistampaw il-liċenzji f'sistema nazzjonali ta' ħruġ ta' liċenzji għandhom jimplimentaw l-emendi stabbiliti fl-Anness I, il-punti 1(a), 1(c), u l-punt 2, ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard mid-data stabbilita fl-Artikolu 21b(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-emendi stabbiliti fl-Anness II, il-punt 1(b) u l-punt (4)(b), għandhom japplikaw mill-perjodu tal-kwota tariffarja li jibda fl-1 ta' Lulju 2027.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness I.1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239 huwa emendat kif ġej:

(1) It-Taqsima "A.1 - Mudell tad-data ELAN1L-AGRIM" hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 2(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) in-numru tal-liċenzja fit-Taqsima 'Numru tal-liċenzja' u, għall-estratti biss, in-numru tal-liċenzja tal-liċenzja oriġinali fit-Taqsima 'Numru tal-liċenzja oriġinali'";

(b) fit-tabella stabbilita fil-punt 2(p), ir-ringiela li tirreferi għall-kodiċi ELAN SP02 titħassar;

(c) wara l-punt 4(d), il-mudell tal-liċenzja tal-importazzjoni stampata AGRIM huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**UNJONI EWROPEA – AGRIM NRU …**

<table>
<tr><td rowspan="3">Liċenzja Li tohroġ Awtorità</td><td colspan="2">Kodiċi</td><td colspan="2">Numru tat-TRQ</td><td>Numru tal-liċenzja oriġinali</td></tr>
<tr><td colspan="2">Isem</td><td colspan="2" rowspan="2"></td><td rowspan="2"></td></tr>
<tr><td colspan="2">Indirizz</td></tr>
<tr><td rowspan="3">Detentur titolari</td><td>EORI</td><td rowspan="3">Ċessjonarju</td><td colspan="3">EORI</td></tr>
<tr><td>Isem - Indirizz</td><td colspan="3">Isem - Indirizz</td></tr>
<tr><td colspan="3">Data tat-trasferiment</td></tr>
<tr><td>Pajjiż ta' oriġini</td><td colspan="2">Pajjiżi ta' oriġini eskluż</td><td>Pajjiż esportatur</td><td>Destinazzjoni</td></tr>
<tr><td colspan="5">Prodott. Denominazzjoni tal-kummerċ</td></tr>
<tr><td colspan="2">Deskrizzjoni f'konformità man-Nomenklatura Magħquda (NM)</td><td>Kodiċi NM</td><td>Kwantità għal kull kodiċi NM</td><td>UoM</td></tr>
<tr><td colspan="2"></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2"></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2"></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2"></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2"></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2"></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">Kundizzjonijiet speċjali/dettalji speċjali</td><td rowspan="2">Tolleranza %</td><td rowspan="2">Kwantità totali</td><td rowspan="2">UoM</td></tr>
<tr><td colspan="2">Kodiċijiet</td></tr>
<tr><td colspan="2" rowspan="3">Test liberu</td><td colspan="3">Maħruġa fi</td></tr>
<tr><td colspan="3">Valida minn</td></tr>
<tr><td colspan="3">L-aħħar ġurnata ta' validità</td></tr>
</table>

Firma
(Biex timtela biss f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà temporanja)

Attribuzzjonijiet			
Kwantità f'ċifri (inkluża t-tolleranza)	Kodiċi tal-prodott - Unità ta' Kejl	Dokument doganali/Numru tal-estratt	Numru ta' referenza doganali, firma, timbru tal-awtorità tal-attribuzzjoni
1	**Kodiċi**		
2	**UoM**	**Data**	
1	**Kodiċi**		
2	**UoM**	**Data**	
1	**Kodiċi**		
2	**UoM**	**Data**	
1	**Kodiċi**		
2	**UoM**	**Data**	
1	**Kodiċi**		
2	**UoM**	**Data**	
1	**Kodiċi**		
2	**UoM**	**Data**	
1	**Kodiċi**		
2	**UoM**	**Data**	

Dettalji speċjali/kundizzjoni speċjali	
Kodiċi	Test

Test liberu

Trasferimenti/Trasferimenti lura			
Trasferit għal – EORI	Trasferit għal – Isem	Data tat-trasferiment	Data tat-trasferiment lura

Estensjoni tal-validità					
	Data tal-operazzjoni	Kodiċi NM	Kwantità	UoM	Valida sa
1					
2					
3"					

(2) It-Taqsima "A.2 - Mudell tad-data ELAN1L-AGREX" hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 2(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) in-numru tal-liċenzja fit-Taqsima 'Numru tal-liċenzja' u, għall-estratti biss, in-numru tal-liċenzja tal-liċenzja oriġinali fit-Taqsima 'Numru tal-liċenzja oriġinali'";

(b) wara l-punt 4, il-mudell tal-liċenzja AGREX stampata huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**UNJONI EWROPEA – AGREX NRU …**

Liċenzja Li tohroġ Awtorità	**Kodiċi**	**Numru tal-liċenzja oriġinali**
	Isem	
	Indirizz	
Detentur titolari	**EORI**	**Pajjiż li qed jirċievi**
	Isem - Indirizz	
Prodott. Denominazzjoni tal-kummerċ		

Deskrizzjoni f'konformità man-Nomenklatura Magħquda (NM)	**Kodiċi NM**	**Kwantità għal kull kodiċi NM**	**UoM**
Kundizzjonijiet speċjali/dettalji speċjali	**Kwantità totali**		**UoM**
Kodiċijiet			
Test liberu	**Maħruġa fi**		
	Valida minn		
	L-aħħar ġurnata ta' validità		
Firma			
(Biex timtela biss f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà temporanja)			

Attribuzzjonijiet			
Kwantità f'ċifri	Kodiċi tal-prodott - Unità ta' Kejl	Dokument doganali/Numru tal-estratt	Numru ta' referenza doganali, firma, timbru tal-awtorità tal-attribuzzjoni
1	**Kodiċi**		
2	**UoM**	**Data**	
1	**Kodiċi**		
2	**UoM**	**Data**	
1	**Kodiċi**		
2	**UoM**	**Data**	
1	**Kodiċi**		
2	**UoM**	**Data**	
1	**Kodiċi**		
2	**UoM**	**Data**	
1	**Kodiċi**		
2	**UoM**	**Data**	
1	**Kodiċi**		
2	**UoM**	**Data**	

Dettalji speċjali/kundizzjoni speċjali	
Kodiċi	Test

Test liberu

Estensjoni tal-validità					
	Data tal-operazzjoni	Kodiċi NM	Kwantità	UoM	Valida sa
1					
2					
3”					

ANNESS II

L-Annessi I, II, IV, VIII, XI, XII, XIV.8 u XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) ir-ringiela li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4124 titħassar;

(b) ir-ringiela li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4003 hija sostitwita b'dan li ġej:

"09.4003	Ċanga u vitella	Importaz-zjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760	Sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja	Iva"

(2) fl-Anness II, l-iskeda relatata mal-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4124 titħassar;

(3) fl-Anness IV, l-iskedi relatati mal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4317, 09.4318, 09.4354, 09.4355, 09.4319, 09.4321, 09.4329 u 09.4330 huma emendati kif ġej:

(a) ir-ringiela "Prova tal-oriġini fl-applikazzjoni tal-liċenzja. Jekk iva, il-korp awtorizzat biex joħroġha" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Prova tal-oriġini fl-applikazzjoni tal-liċenzja. Jekk iva, il-korp awtorizzat biex joħroġha**	Le"

(b) ir-ringiela "Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera**	Iva. F'konformità mal-Artikolu 15a(1), b'indikazzjoni tas-sottotip "Ċertifikat tal-oriġini" fil-mudell tad-data ELAN1L-TCDOC. Matul il-perjodu tranżizzjonali stabbilit fl-Artikoli 72a sa 72d, l-użu tad-dokument imsemmi fl-Artikolu 15a(2), il-punt (a), huwa permess."

(4) L-Anness VIII huwa emendat kif ġej:

(a) fl-iskeda relatata mal-kwota tariffarja 09.4181, ir-ringiela "Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera**	F'konformità mal-Kapitolu 3 tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċilì, u Ċertifikat ta' Awtentiċità (CA), li l-mudell tiegħu jinsab fl-Anness XIV ta' dan ir-Regolament Sakemm ir-regoli applikabbli matul il-perjodu tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikoli 72a sa 72d jippermettu li jintuża d-dokument imsemmi fit-tieni paragrafu ta' din ir-ringiela, l-ELAN1L-TCDOC maħruġa f'konformità mal-Anness XIV.8 għandu jindika s-sottotip 'Ċertifikat ta' Awtentiċità'.";

(b) fl-iskeda relatata mal-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4003, ir-ringiela "Operatur irreġistrat fil-bażi ta' data LORI" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Operatur irreġistrat fil-bażi ta' data LORI	Iva"

(5) L-Anness XI huwa emendat kif ġej:

(a) fl-iskeda relatata mal-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4275, ir-ringiela "Kundizzjonijiet speċifiċi" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Kundizzjonijiet speċifiċi	Il-fatturi ta' konverżjoni f'konformità mal-Parti A tal-Anness XVI ta' dan ir-Regolament. Għall-finijiet ta' din il-kwota tariffarja, il-piż tal-albumini tal-ħalib għandu jiġi kkonvertit fl-ekwivalenti tal-bajd fil-qoxra bl-użu tal-fatturi ta' konverżjoni ta' 1 429 % għall-albumini tal-ħalib imnixxef (kodiċi NM 3502 20 91) u ta' 189 % għal albumini oħra tal-ħalib (kodiċi NM 3502 20 99), f'konformità mal-Parti A tal-Anness XVI ta' dan ir-Regolament."

(b) fl-iskeda relatata mal-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4276, 09.4401, 09.4402 u 09.4403, ir-ringiela "Kundizzjonijiet speċifiċi" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Kundizzjonijiet speċifiċi	Il-fatturi ta' konverżjoni f'konformità mal-Parti A tal-Anness XVI"

(6) L-Anness XII huwa emendat kif ġej:

(a) fl-iskedi relatati mal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4169, 09.4211, 09.4212, 09.4214, 09.4215, 09.4217, 09.4251, 09.4252, 09.4253, 09.4254, 09.4255, 09.4256, 09.4257, 09.4258, 09.4259, 09.4411, 09.4269, 09.4283, 09.4289 u 09.4290, ir-ringiela "Prova tal-oriġini fl-applikazzjoni tal-liċenzja. Jekk iva, il-korp awtorizzat biex joħroġha" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Prova tal-oriġini fl-applikazzjoni tal-liċenzja. Jekk iva, il-korp awtorizzat biex joħroġha**	Le"

(b) fl-iskedi relatati mal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4169, 09.4212, 09.4215, 09.4254, 09.4255, 09.4256, 09.4257, 09.4258, 09.4259, 09.4411, 09.4289 u 09.4290, ir-ringiela "Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera**	Iva. F'konformità mal-Artikolu 15a(1), b'indikazzjoni tas-sottotip "Ċertifikat tal-oriġini" fil-mudell tad-data ELAN1L-TCDOC. Matul il-perjodu tranżizzjonali stabbilit fl-Artikoli 72a sa 72d, jista' jintuża d-dokument imsemmi fl-Artikolu 15a(2), il-punt (a)."

(c) fl-iskedi relatati mal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4211, 09.4214, 09.4217, 09.4251, 09.4252 u 09.4253, ir-ringiela "Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera**	Iva. F'konformità mal-Artikolu 15a(1), b'indikazzjoni tas-sottotip "Ċertifikat tal-oriġini" fil-mudell tad-data ELAN1L-TCDOC. Matul il-perjodu tranżizzjonali stabbilit fl-Artikoli 72a sa 72d, huwa permess li jintuża d-dokument imsemmi fl-Artikolu 15a(2), il-punt (c)."

(d) fl-iskedi relatati mal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4269 u 09.4283, ir-ringiela "Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera**	Iva. F'konformità mal-Artikolu 15a(1), b'indikazzjoni tas-sottotip "Ċertifikat tal-oriġini" fil-mudell tad-data ELAN1L-TCDOC. Matul il-perjodu tranżizzjonali stabbilit fl-Artikoli 72a sa 72d, jista' jintuża d-dokument imsemmi fl-Artikolu 15a(2), il-punt (a). Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fi ħdan il-kwoti msemmija għandu jkun soġġett għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat tal-oriġini maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti taċ-Ċina."

(7) L-Anness XIV.8 huwa emendat kif ġej:

(a) l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

"**XIV.8 – Rekwiżiti għall-mili tal-mudell ta' data uniformi għad-dokumenti tal-pajjiżi terzi (ELAN1L-TCDOC)**

Fejn meħtieġ bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, (UE) 2020/1988 u (UE) 2023/2834, l-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiżi terzi għandhom joħorġu dokumenti speċifiċi biex jippruvaw l-oriġini jew il-konformità ma' ċerti standards tal-prodotti li għandhom jiġu importati fl-Unjoni.

Il-mudell li ġej tal-mudell tad-data ELAN1L-TCDOC stampat jistabbilixxi l-informazzjoni li l-awtoritajiet tal-ħruġ kompetenti f'pajjiżi terzi għandhom jindikaw f'dawk id-dokumenti.";

(b) il-mudell tal-mudell tad-data ELAN1L-TCDOC stampat huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**UNJONI EWROPEA – TCDOC NRU**

<table>
<tr><td rowspan="2">Li toħroġ Awtorità</td><td>Kodiċi</td><td rowspan="2">Numru tat-TRQ</td><td rowspan="2">Subtip tad-dokument</td></tr>
<tr><td>Isem - Indirizz</td></tr>
<tr><td rowspan="2">Esportatur</td><td>Kodiċi</td><td rowspan="2">Importatur</td><td>EORI</td></tr>
<tr><td>Isem - Indirizz</td><td>Isem - Indirizz</td></tr>
</table>

Pajjiż ta' oriġini		**L-għadd ta' pakketti**	**Informazzjoni addizzjonali dwar l-imballaġġ u t-trasport**
Pajjiż tal-esportazzjoni			
Destinazzjoni			
Prodott	**Kodiċijiet NM**	**Piż nett f'ċifri**	**UoM**
Dettalji addizzjonali		**Kwantità totali**	**UoM - total**
Speċifikazzjonijiet tal-Prodott għad-dikjarazzjoni tal-konformità			
Dikjarazzjoni tal-konformità			
Dikjarazzjoni tal-oriġini			
Maħruġa fi	**Valida minn**		
Firma			
(Biex timtela biss f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà temporanja)			

Għall-awtoritajiet kompetenti fl-UE	**Stampata fi**
Firma	**Timbru**"

(c) il-punt 1(c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) in-numru uniku tat-TCDOC, skont il-format li ġej:

(i) il-kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 tal-pajjiż li joħroġ id-dokument;

(ii) il-kodiċi tal-pajjiż għandu jkun segwit minn kombinament uniku ta' 1 sa 17-il ċifra b'karattri alfanumeriċi u xi karattri speċjali (/-_), li għandhom jiġu definiti mill-awtorità tal-ħruġ;";

(d) il-punt 1(j) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(j) il-kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 tal-Istat Membru tad-destinazzjoni, fejn hekk meħtieġ mir-regoli rilevanti tal-Unjoni;";

(e) il-punt 1(k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(k) il-prodotti u l-kwantità koperti mid-dokument għandhom jiġu indikati taħt "Lista ta' prodotti" kif ġej:

(i) id-deskrizzjoni tal-prodotti fit-Taqsima "Prodott";

(ii) il-piż nett f'ċifri, fit-Taqsima "Kwantità" u t-total għandhom jiġu indikati fit-Taqsima "Kwantità totali";

(iii) l-unità ta' kejl għandha tiġi indikata għal kull prodott deskritt fit-Taqsima "Prodott", kif stabbilit fir-regoli definiti fl-iskeda tal-kwota tariffarja rilevanti fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 u (UE) 2020/1988, u bl-użu tal-kodiċi xieraq indikat fl-istruzzjonijiet ippubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (*).

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4198, 09.4199, 09.4200, 09.4504, 09.4505, 09.4282, 09.4456, 09.2101, 09.2102, 09.2011, 09.2105, 09.2106, 09.2012, 09.2109, 09.2110, 09.2013, 09.2111, 09.2112, 09.2014, 09.2115, 09.2116, 09.1922, 09.2125, 09.2126, 09.0693, 09.2129, 092130, 09.0690, 09.2131, 09.2132, 09.0227, 09.2171, 09.2172, 09.2015, 09.2178, 09.2179, 09.2015, 09.2181, 09.2019, 09.7901, 09.7898, 09.7899, 09.7902, 09.7896, 09.7897, 09.0141, 09.0165, 09.0166, 09.0167, 09.0170, 09.0168, 09.0169 u 09.0171 huwa fakultattiv li tindika l-kwantità u l-unità ta' kejl relatata għal kull prodott;

(iv) il-kwantità totali għandha tiġi espressa bl-użu tal-unità ta' kejl indikata fl-iskeda rilevanti tal-kwota tariffarja.

Dokumenti maħruġa għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4149, 09.4731, 09.4324, 09.4325, 09.4326, 09.4327, 09.4001, 09.4002, 09.4450, 09.4452, 09.4453, 09.4454, 09.4455, 09.4181, 09.4198, 09.4199, 09.4200, 09.4202, 09.4504, 09.4505, 09.4516, 09.4521, 09.4522, 09.4523, 09.4524, 09.4525, 09.4211, 09.4127, 09.4251, 09.4252, 09.4253, 09.0090, 09.0124, 09.0125, 09.0126, 09.0127, 09.0141, 09.0165, 09.0166, 09.0167, 09.0168, 09.0169, 09.0170, 09.0171, 09.0025, 09.0027, 09.0033, 09.2101, 09.2102, 09.2011, 09.2105, 09.2106, 09.2012, 09.2109, 09.2110, 09.2013, 09.2111, 09.2112, 09.2014, 09.2115, 09.2116, 09.1922, 09.2125, 09.2126, 09.0693, 09.2129, 09.2130, 09.0690, 09.2131, 09.2132, 09.0227, 09.2171, 09.2175, 09.2015, 09.2178, 09.2179, 09.2016, 09.2181, 09.2019, 09.0143, 09.2201, 09.2202 u 09.2203 għandhom jindikaw ukoll l-għadd ta' pakketti;

_____

(*) Avviż dwar l-istruzzjonijiet għall-mili tal-mudell tad-data ELAN1L-(ĠU C, C/2026/5558, 29.10.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/5558/oj)."

(f) fit-tabella taħt il-punt 1(l), wara l-aħħar ringiela relatata mal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.2201, 09.2202 u 09.2203, jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

"Biex jiġi speċifikat li: — id-dettalji stabbiliti f'dan id-dokument huma akkurati u jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni fis-seħħ; — il-prodotti jirrappreżentaw xxxx.xx kg ekwivalenti tal-piż tal-karkassa tal-kwantità totali koperta min-numru tal-ordni indikat fit-Taqsima "Numru TRQ".	09.7901 09.7898 09.7899 09.7902 09.7896 09.7897
Biex jiġi speċifikat li d-dettalji stabbiliti f'dan id-dokument huma akkurati u jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni fis-seħħ.	09.7903"

(g) fit-tabella fil-punt 1(m), il-lista taħt il-kolonna "Numri TRQ" hija emendata kif ġej:

(i) in-numri tal-ordni 09.4410 u 09.4420 jitħassru;

(ii) wara n-numru tal-ordni 09.0171, jiżdiedu n-numri tal-ordni 09.7901, 09.7898, 09.7899, 09.7902, 09.7896, 09.7897 u 09.7903;

(h) il-punt (2)(d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(d) fit-Taqsima "Informazzjoni addizzjonali relatata mat-trasport u l-imballaġġ", l-awtoritajiet tal-ħruġ kompetenti jistgħu jinkludu l-informazzjoni kollha li tikkonċerna l-imballaġġ u t-trasport li jqisu utli;";

(8) L-Anness XVI huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti A hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI A

Fatturi ta' konverżjoni applikabbli għall-kwoti tariffarji fis-settur tal-bajd

Kodiċijiet NM	Fattur ta' konverżjoni
0407 11 00	100 %
0407 19 11	100 %
0407 19 19	100 %
0407 21 00	100 %
0407 29 10	100 %
0407 90 10	100 %
0408 11 80	246 %
0408 19 81	116 %
0408 19 89	116 %
0408 91 80	452 %
0408 99 80	116 %
3502 11 90	856 %
3502 19 90	116 %
3502 20 91	1 429 %
3502 20 99	189 %"

(b) Il-Parti Aa titħassar.

ANNESS III

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 huwa emendat kif ġej:

(1) It-Taqsima "Kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż", hija emendata kif ġej:

(i) fl-iskedi relatati mal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.7901, 09.7898, 09.7899, 09.7902, 09.7896 u 09.7897, ir-ringiela "Prova tal-oriġini" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Prova tal-oriġini**	Ċertifikat tal-eliġibbiltà Għajr fil-każijiet fejn ir-regoli applikabbli matul il-perjodu tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 31c ta' dan ir-Regolament jippermettu l-użu tad-dokument imsemmi fl-ewwel paragrafu ta' din ir-ringiela, id-dokument ta' akkumpanjament għandu jkun ELAN1L-TCDOC maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti kif previst fl-Artikolu 15a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIV.8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761."

(ii) fl-iskeda relatata mal-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.7903, ir-ringiela "Prova tal-oriġini" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Prova tal-oriġini**	Ċertifikat tal-eliġibbiltà Għajr fil-każijiet fejn ir-regoli applikabbli matul il-perjodu tranżizzjonali stabbilit fl-Artikolu 31c ta' dan ir-Regolament jippermettu li jintuża d-dokument imsemmi fl-ewwel paragrafu ta' din ir-ringiela, ELAN1L-TCDOC maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti kif previst fl-Artikolu 15a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIV.8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761."

(2) fit-Taqsima "Kwoti tariffarji fis-settur taċ-ċereali", l-iskedi relatati mal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.6734, 09.6735 u 09.6736 jitħassru;

(3) fit-Taqsima "Kwoti tariffarji fis-settur taċ-ċanga u l-vitella", l-iskeda relatata mal-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.6737 titħassar;

(4) fit-Taqsima "Kwoti tariffarji fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib", l-iskedi relatati mal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.6738, 09.6739 u 09.6747 jitħassru;

(5) fit-Taqsima "Kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tal-majjal", l-iskedi relatati mal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.6748 u 09.6749 jitħassru;

(6) fit-Taqsima "Kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tat-tjur", l-iskedi relatati mal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.6757 u 09.6758 jitħassru;